MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 81/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezrin Grixti)**
**Vs**

**Brian Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 t'Ottubru, 2003 gewwa l-Pieta' w bnadi ohra matul dan l-ahhar xahar, kellu fil-pussess tieghu d-droga Methadone specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma

kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu, 2006, li biha, wara li rat ir-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), ir-raba' w is-sitt taqsima tal-Kap. 101, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-istess Kap., sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, izda flok ikkundannatu, poggietu taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghal sentejn (2). Giet ordnata d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li skond il-procedura li tintuza biex tigi amministrata l-Methadone fid-Detox Centre, li hi klinika maghzula jew nominata mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika skond l-Avviz Legali 41 ta' l-1984 u l-Avviz Legali 365 ta' l-2005, it-tabib li jahdem f' din il-klinika jippreskrivi l-methadone lill-pazjent u jinzamm registru ghal dan il-ghan u r-*record* tal-individwu partikolari, pero' mid-Detox Centre ma tinghatax ricetta f' id l-individwu li juza l-methadone. B' dana kollu l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant billi rriteniet li hu ma kellux ir-ricetta rikjesta ghax ma kellux ricetta ghall-methadone f' idejh, bid-definizzjoni ta' ricetta mehuda minn Dizzjunarju Ingliz minnflok mit-test tal-ligi stess, u cioe' r-regolament 8 (3) tal-A.L. 365 ta' l-2005 (Regoli dwar il-Methadone). Dar-regolament jghid li

r-*record* dwar dik il-kura ghandu jigi mizmum mit-tabib maghzul fil-klinika u ghandu jigi kunsidrat bhala ricetta ufficjali ghal dawk il-pazjenti li jkunu qeghdin jiehdu l-kura fil-klinika maghzula. Illi konxja minn dan, il-prosekuzzjoni, quddiem l-Ewwel Qorti qatt ma poggiet dan in kwistjoni izda dejjem illimitat ruha ghall-fatt li l-akkuzat ma messux hareg il-methadone tieghu mid-Detrox Centre izda kellu jixrobha kollha gewwa l-klinika. Li l-analogija li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar min jinghata l-morfina meta jkun pazjent l-Isptar u x' jista' jaghmel u ma jaghmilx b' din il-morfina meta jigi licenzjat jew jillicenzja ruhu, hija erronja w irrilevanti. Dan ghaliex hawn mhux qed nitkellmu dwar ward fl-Isptar  izda dwar klinika maghzula, mmexxija skond l-Avvizi Legali fuq imsemmija, u r-Regolament 6(11) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939 li gie citat mill-Ewwel Qorti ma hux applikabbli.  Illi fl-ahhar nett ma rrizulta minn imkien li l-appellant fix-xahar ta' qabel id-data tal-11 t' Ottubru, 2003, kellu fil-pussess tieghu id-droga methadone minghajr ma kien awtorizzat li jkollu din id-droga fil-pussess tieghu, kif indikat fl-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Li l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :- Fil-11 t' Ottubru, 2003, ghall-habta tas-1.45pm l-imputat kien gie mwaqqaf mill-Pulizija fit-tarag tad-Detox Centre w  instab fil-pussess ta' likwidu ahdar go flixkun tal-plastic li rrizulta li kien methadone. Fl-istqarrija tieghu l-appellant qal li l-likwidu kien tieghu u kien ha l-likwidu mieghu biex l-ghada ma joqghodx jitla' ghall-mistura. Huwa qal li kien ilu jmur id-Detox ghal tmin xhur u kellu doza ta' 65ml. Qal li kien jaf li suppost il-methadone jehodha fid-Detox Centre biss.**

**Hu pero' kien ha nofs id-doza w in-nofs l–iehor kien hallieh f' halqu w tefghu lura fil-flixkun. Umbaghad gie mwaqqaf mill-Pulizija. Irrizulta li l-procedura kienet li l-Methadone trid tittiehed quddiem in-*nurse* gewwa d-Detox Centre.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi pero' l-appellant jissottometti li dan ir-rekwizit li l-methadone trid tittiehed dak il-hin oralment taht supervizjoni, origina biss bl-introduzzjoni tad-definizzjoni ta' *"ammistrazzjoni*" bhala li tfisser *"it-tehid mill-halq tal-medicina mill-pazjent skond ir-ricetta u taht supervizjoni"* fir-Regolament 2 tal-A. L. 365 ta' l-2005 . (sottolinear ta' din il-Qorti.)**

**Li ma hemmx dubju li dan ir-Regolament li dahal in vigore wara l-kommissjoni tal-allegat reat mhux applikabbli ghall-kaz odjern u li l-kaz hu regolat biss mill-Avviz Legali 41 ta' l-1984 li imkien ma jsemmi xi rekwizit jew procedura ta' amministrazzjoni orali taht supervizjoni. Hu minnu li r-Regolament 6 jiddisponi li t-"*tabib nominat huwa obbligat li jizgura li jkunu qed jigu nfurzati proceduri stretti dwar sigurta' u r-responsabbilta' ta' preparati ta' methadone li jkunu mahzuna f' dik il-klinika"* , imma ma hemm xejn dwar kif ghandha tinghata il-methadone lill-pazjent u x' jista' jaghmel u ma jaghmilx biha il-pazjent una volta li tigi konsenjata lilu.**

**Illi ghalhekk fl-assenza ta' xi regolament, anki jekk il-pazjent, f' dal-kaz l-appellant , kien qed xjentement imur kontra l-prassi li jammetti li jaf li kienet tezisti, una volta li hu jkun gie fil-pussess tal-methadone legalment, kif kienu r-regolamenti f' Ottubru, 2003, ma jidhirx li dak li ghamel l-appellant – sia pure kontra l-prassi tad-Detox Centre – kien jammonta ghal reat kriminali. Illi mbaghad mill-proviso tar-regolament 9 li jiddisponi li kien possibbli li f' certi cirkostanzi kontemplati fl-istess proviso tinhareg provvista ta' methadone *ghal jumejn* biss, jidher li ma kienx rikjest li f' dawn ic-cirkostanzi l-methadone jittiehed oralment**

**dak il-hin, imma hu ovvju li t-tahlit jew l-linctus kien ried jinhareg go xi recipjent. Tant jidher li kien hekk, li bl-Avviz Legali 365 tal-2005, il-legislatur hass li kellu bzonn li jikkolma din il-lakuna fil-ligi, biex jipprevjeni u jippunixxi abbuzi li jistghu isiru billi introduca d-definizzjoni ta' "amministrazzjoni" bhala li trid tkun <u>fil-halq u taht supervizjoni</u>. Dan jindika li qabel il-pozizzjoni legali ma kienetx hekk.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li l-Ewwel Qorti pero' xorta wahda rriskontrat htija ghax qalet li l-appellant ma kellux licenzja f' idejh li kienet tawtorizza w tiggustifika l-pussess tal-methadone fi-flixkun.**

**Illi pero' minn ezami tar-Regolamenti ta' l-1984 jidher li it-tabib johrog ricetta skond il-formola murija fl-skeda billi jimla' d-dettalji kollha li jinsabu fit-Taqsima A tal-formula u mbaghad l-ispizjar li jaghti l-methadone fuq ricetta jimla' d-dettalji kollha li jinsabu fit-Taqsima C tal-imsemmija formula. Ma jirrizultax pero' li bil-ligi din il-licenzja trid tinzamm mill-pazjent mir-Regolamenti 8 u 9. Anzi wiehed jifhem li tkun trid tinzamm mill-Ispizjar li jikkonsenja l-methadone lil pazjent. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta *"safely and satisfactorily*" li dan kien rekwizit legali li n-nuqqas tal-osservazzjoni tieghu kienet tikkostitwixxi reat, kif iddecidiet l-Ewwel Qorti.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi ghalhekk ma jirrizultax car li kif kienu r-regolamenti dak iz-zmien tal-allegat reat, l-agir tal-appellant kien jikkostitwixxi reat punibbli skond il-Kap.101.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata w l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------